Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/16

**Giovanni Saliba (appellant)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellat)**

17 ta' Novembru, 2017.

1. **Il-każ in kwistjoni jirrigwarda Għajnuna għall-Qgħad.**

2. B'avviż tat-22 ta' Settembru 2014, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Giovanni Saliba illi l-applikazzjoni tiegħu għall-GĦAJNUNA GĦALL-QGĦAD kienet ġiet mistħarrġa/riveduta u li kien ġie deċiż li m'huwiex intitolat għaliha għaliex "*Id-Direttur mhux sodisfatt li l-kapital ma jeċċedix l-iskala stabbilita.*"

3. Permezz ta' ittra datata 13 ta' Ottubru 2014 Giovanni Saliba intavola appell quddiem l-Arbitru[1] minn tali deċiżjoni;

4. Fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Awwissu 2016[2], l-Arbitru Dr Katia Mercieca, ċaħdet tali appell u kkonfermat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali. Ikkunsidrat illi minkejja li Saliba kien qed jirreġistra għall-Benefiċċju tal-Qgħad sa mill-2006, effettivament kellu aġenzija li tiġġestixxi negozju ta' sensar. Ikkummentat illi anke kieku kellha titwemmen il-verżjoni ta' Saliba li minn tali negozju ma għamel l-ebda profitti, il-benefiċċju għall-"*qgħad*" jingħata f' każ ta' nuqqas ta' impieg, u mhux f' każ ta' negozju li ma jiġġenerax profitti.

[1] L-Arbitru maħtur skont l-Att Dwar is-Sigurta` Soċjali (Kap 318).
[2] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 232/16.

5. Giovanni Saliba ħass ruħu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fit-28 ta' Settembru 2016 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti li permezz tiegħu talabha tħassar id-deċiżjoni tas-26 ta' Awwissu 2016, u konsegwentement tirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tat-22 ta' Settembru 2014.

6. L-appellant isostni li d-deċiżjoni tal-Arbitru hi żbaljata fil-fatt u fid-dritt u argumenta:

(i) Jibda' biex jispjega li bħala fatt mhux ikkontestat li kien jipperċepixxi benefiċċji biss għall-perjodi Settembru 2006 – Ottubru 2009 u Ġunju 2011 – Lulju 2014.

(ii) Fir-rigward tal-perjodu bejn Settembru 2006 u Ottubru 2009 jgħid li ma tressqet l-ebda prova li kien qed jiġġestixxi xi attivita` ekonomika, u għalhekk tul tali żmien ma kienx impjegat. Isostni li għalkemm mis-sit elettroniku www.giovanniestates.com jidher li s-soċjeta` ilha attiva mill-2006, din bl-ebda mod ma tindika attivita` kummerċjali u dan stante li s-soċjeta` Giovanni Estates Ltd ġiet reġistrata fil-25 ta' Jannar 2010.

(iii) Fir-rigward tal-perjodu bejn Ġunju 2011 u Lulju 2014 jaċċenna għall-fatt li d-Direttur tas-Sigurta Soċjali jistrieħ biss fuq l-argument preċedenti (l-attivita` kummerċjali tiegħu) u fuq il-fatt li fir-rigward taċ-ċessjonijiet li għamel huwa ma ġabx kopji tal-konvenji, ċessjonijiet, riċevuti u l-partijiet tal-kuntratt. Jargumenta illi huwa effettivament ippreżenta l-kuntratti pubbliċi li li juru l-veraċita tal-fatti kif inhuma, u għalhekk hu pproduċa l-aħjar prova.

(iv) Jissottometti ulterjorment illi d-deċiżjoni tal-Arbitru ma ddurx fuq il-kwistjoni dwar jekk kellux il-kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita ta' €14,000 iżda dwar jekk huwa kellux o meno attivita` kummerċjali. Jargumenta illi l-Arbitru daħlet fil-mertu tal-attivita` kummerċjali tiegħu u skartat għal kollox il-kwistjoni dwar il-kapital. Isostni li ma kellhiex di sua sponte tallontana ruħha mill-prinċipji tal-liġi u di mano sua tiddeċiedi l-każ fuq kriterji u fattispeċji li jmorru oltre l-mertu tal-każ in eżami.

7. L-appellat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fl-1 ta' Marzu 2016 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni arbitrali kkonfermata.

**Sfond tal-kawża:**

11. Fl-4 ta' Lulju 2011 meta Giovanni Saliba (ID-8983G) applika sabiex jirċievi l-Għajnuna għall-Qgħad iddikjara li:

- kien miżżewweġ u kellu tifel ta' ħames xhur;
- martu u uliedu jabitaw miegħu fl-istess indiriżż;
- kellu €278.18 mqassmin f'ħames kontijiet bankarji;
- kellu €150 fi flus;
- kellu karozza "*Hyundai*" għall-użu personali;
- kellu appartament in-Nadur "*still under construction*" intiż għar-residenza futura tiegħu;
- kien qed jirreġistra bħala "*deck crew";*
- ma kellu l-ebda "*impieg, negozju jew professjoni".*

12. Għall-ħabta ta' Lulju 2014 id-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji irċieva ittra anonima li fiha ġie allegat li Giovanni Saliba kien qed jaħdem bħala sensar. Għaldaqstant l-ispettorat fetaħ investigazzjoni u ħejja rapport. Irriżultalu li:

- Saliba għandu sit elettroniku attiv bl-isem www.giovanniestates.com, liema sit huwa abbinat ma' aġenzija li tispeċjalizza fil-proprjeta` bl-isem ta' "Giovanni Estates". Skont l-informazzjoni ġenerali fuq l-istess sit elettroniku l-aġenzija ilha ffurmata mill-2006 u li hija "*a dynamic and rapidly growing estate agent in the Maltese Islands*";

- L-indirizz postali ta' tali aġenzija hija 63, Church Street, Żebbug, Gozo, li kien l-indirizz li Saliba kellu preċedentement irreġistrat mad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sas-27 ta' Marzu 2007;

- Skont l-informazzjoni miksuba mit-Tax Compliance Unit, Giovanni b'seħħ mill-25 ta' Jannar 2010 Saliba hu reġistrat bħala "*Active Shareholder", "Active Director", "Active Judicial Representative*", "*Active Secretary"* u "*Active Legal Representative*" fil-kumpannija "Giovanni Estates Ltd";

- Ma' tali kumpannija "Giovanni Estates Ltd" jeżisti n-numru tal-VAT 1967-4831 li huwa attiv, u reġistrat fuq Giovanni Saliba;

- Giovanni Saliba għandu reġistrati f'ismu 1200 "*ordinary share*" fil-kumpannija "Giovanni Estates Ltd"[3];

- Giovanni Saliba kellu numru ieħor tal-VAT: 1737-7304 li għamel żmien attiv fuq ismu, iżda ġie "*de-registered*" fil-31 ta' Diċembru 2010;

- Giovanni Saliba deher bħala wieħed minn żewġ xerrejja fuq il-kuntratt datat 25 ta' Marzu 2010 li kien jirrigwarda l-proprjeta` "*Penthouse 8, Ta' Sunta Court, Triq Dun Ġużepp Vella, Nadur*" u "*Garage 6, Triq Dun Ġużepp Vella, Nadur*."

13. L-ispettorat ikkonkluda li l-appellant jaħdem bħala sensar.

14. Sussegwentement fit-22 ta' Settembru 2014 id-direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali informa lil Saliba li ma kienx sodisfatt li l-kapital tiegħu ma jeċċedix l-iskala stabbilita u li konsegwentement ġie deċiż li ma kienx aktar intitolat għall-"GĦAJNUNA GĦALL-QGĦAD."

15. Fl-appell tiegħu quddiem l-arbitru (fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2014), Saliba ilmenta illi d-deċiżjoni tad-Direttur ma kinitx imsejsa fuq raġuni u li allura konsegwentement huwa tqiegħed fi preġudizzju serju sabiex huwa jiddefendi ruħu mill-istess deċiżjoni. Kien għalhekk li appella minnha.

16. Fir-risposta tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015, id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali kien spjega li fid-dawl tar-rapport tad-Dipartiment tal-Frodi u l-Investigazzjonijiet, ma setax ikun sodisfatt li l-kapital ta' Saliba ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita, u kien għalhekk li huwa ddeċieda li kellha titwaqqaf tingħata lil Saliba l-għajnuna għall-qgħad.

17. L-Arbitru osservat illi nonostante l-allegazzjonijiet ta' Saliba dwar l-impossibilita` li jiddefendi ruħu mid-deċiżjoni tad-Direttur minħabba nuqqas ta' raġuni dettaljata għad-deċiżjoni, huwa deher diversi drabi u esebixxa diversi dokumenti u ingħata opportunita` jsostni l-pożizzjoni tiegħu.

[3] fil-fatt sehem wieħed huwa fuq isem ommu u r-rimanenti ishma (1199) huma fuq ismu.

18. L-Arbitru ikkonfermat id-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li Saliba m'għandux jirċievi Għajnuna għall-Qgħad.

19. Kif fuq spjegat, l-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru mhux biss għaliex hija kkonkludiet li kellu attivita` kummerċjali (fatt li qed jikkontesta) iżda għaliex jargumenta li fi kwalunkwe każ il-mertu tal-każ kien wieħed totalment differenti, għaliex jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-kapital tiegħu jeċċedix l-iskala stabbilita.

**Provi.**

20. Skont ir-rapport tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji, datat 16 ta' Lulju, 2014, is-sit elettroniku www.giovanniestates.com (li huwa sit attiv) huwa abbinat aġenzija tal-proprjeta` bl-isem Giovanni Estates, u fuq l-istess sit elettroniku jingħad li tali aġenzija ilha ffurmata mis-sena 2006 u li hija ***"a dynamic and rapidly growing estate agent in the Maltese Islands"***.

21. Is-soċjeta` Giovanni Estates Ltd kienet reġistrata f'Jannar 2010 (C-48703). L-indirizz taghha hu 63, Church Street, Żebbuġ (Gozo). F'din il-kumpannija Giovanni Saliba għandu 1,199 sehem u ommu Christine Saliba għandha sehem wieħed (Dok JG1).

22. Meta xehed Saliba qal li s-sit elettroniku kien għamlu ftit xhur qabel l-2010.

23. Skont id-dokument tal-VAT Returns għall-perjodu mill-01.02.2010 sa 28.02.2013 it-total ta' "*taxable sales*" li għamlet is-soċjeta` Giovanni Estates Ltd huwa fl-ammont ta' €3,119 filwaqt li t-total ta' "*taxable expenses*" huwa fl-ammont ta' €5,103.

24. Skont ir-riċerki pubbliċi li saru fuq **Giovanni Saliba** mill-01.01.2006 sal-31.08.2014 jirriżulta li:

- fis-**17.01.2009** sar trasferiment ta' proprjeta`[4] bejn terzi għall-prezz ta' €151,409.27, u bl-istess att, Saliba (deskritt bħala *self-employed*) ċeda lix-xerrej id-drittijiet kollha ta' piena u assolut proprjeta` naxxenti favur tiegħu mill-konvenju li kien iffirma preċedentement mal-vendituri fit-28.08.2009. Ġie dikjarat li ċ-ċessjoni saret b' titolu gratwit.

- fil-**25.03.2010** Saliba (deskritt bħala *self-employed*) xtara sehem ta' nofs indiviż[5] f'(i) *penthouse* bl-arja tiegħu, fi stat ġebel u saqaf, li jinsab f' "Ta' Sunta Court – Block A", Triq Dun Ġużepp Vella, Nadur, u wkoll f' (ii) garaxx fi stat ġebel u saqaf li jinsab fis-semi-basement level, fl-istess blokk. Il-prezz totali tal-proprjetajiet kien ta' €69,880.[6] (Fil-fatt l-ispettorat fir-rapport tiegħu osserva li l-*penthouse* hija fil-fatt il-post li semma' fl-applikazzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2011, fejn qal li kellha tkun il-"*future house of residence*").

- fil-**11.06.2010** sar trasferiment ta' proprjeta`[7] bejn terzi għall-prezz ta' €70,000, u bl-istess att, Saliba (deskritt bħala *self-employed*) u wkoll Mario Camilleri (deskritt bħala *seaman*) ċedew lix-xerrej id-drittijiet spettanti lilhom naxxenti minn konvenju li kienu ffirmaw bħala kompraturi fil-21.12.2009. Iċ-ċessjoni saret veru l-prezz ta' €5,700.

- fis-**07.09.2010** sar trasferiment ta' proprjeta`[8] bejn terzi għall-prezz ta' €70,000, u bl-istess att, Saliba (deskritt bħala self-employed) u wkoll Mario Camilleri (deskritt bħala *seaman*) ċedew lix-xerrej id-drittijiet spettanti lilhom naxxenti minn konvenju li kienu ffirmaw bħala kompraturi fil-21.12.2009. Iċ-ċessjoni saret versu l-prezz ta' €2,500.

- fis-**07.01.2011** Saliba u martu Anastasia nee Sening, ta' nazzjonalita` Russa, itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom[9].

- fit-**28.01.2011** sar trasferiment ta' proprjeta`[10] bejn terzi għall-prezz ta' €46,587, u bl-istess att, Saliba (deskritt bħala *self-employed*) ċeda lix-xerrej id-drittijiet tiegħu naxxenti minn konvenju li kien iffirma mal-venditur fid-09.11.2010. Ġie dikjarat li ċ-ċessjoni saret mingħajr profitt.

[4] Insinwa Nru 392.
[5] In-nofs indiviż l-ieħor inxtara minn ċertu Alfred Pisani (impjegat mal-BOV).
[6] Insinwa Nru 812.
[7] Insinwa Nru 1754.
[8] Insinwa Nru 2284.
[9] Insinwa Nru 539.
[10] Insinwa Nru 674.

- fit-**23.03.2011** saret nota għal iskrizzjoni ta' ipoteka[11]. Il-bank (HSBC) kien sellef lil Saliba €50,000 "*għall-bżonnijiet personali tiegħu*" u fuq tali somma l-bank igawdi ipoteka speċjali fuq is-sehem ta' nofs (½) indiviż li għandu Saliba (bħala d-debitur prinċipali) fuq l-imsemmija proprjeta, (garantita flimkien u *in solidum* ukoll minn Alfred Pisani fuq in-nofs (½) indiviż l-ieħor li għandu hu fuq l-istess proprjeta`) u wkoll ipoteka ġenerali fuq il-beni kollha tiegħu preżenti u futuri (garantita wkoll flimkien u in solidum minn Alfred Pisani fuq il-beni kollha tiegħu, preżenti u futuri.

25. Skont ir-riċerki pubbliċi li saru fuq **is-soċjeta` Giovanni Estates Ltd** mill-01.01.2010 sal-21.05.2015 jirriżulta li:

- fit-**12.06.2014** saru żewġ trasferimenti ta' proprjeta`[12] bejn terzi għall-prezz ta' €100,000 u €81,000 rispettivament u bl-istess att, Giovanni Estates Ltd ċediet favur ix-xerrejja id-drittijiet tagħha naxxenti minn żewġ konvenji. Iċ-ċessjoni saret versu l-korrispettiv ta' €500.

- fit-**30.08.2014** sar trasferiment ta' proprjeta`[13] bejn terzi għall-prezz ta' €175,000, u bl-istess att, Giovanni Estates Ltd ċediet favur ix-xerrejja d-drittijiet tagħha naxxenti minn konvenju ffirmat mal-venditriċi. Iċ-ċessjoni saret versu l-korrispettiv ta' €3,000.

- fit-**23.03.2015** sar trasferiment ta' proprjeta` bejn terzi għall-prezz ta' €74,540, u bl-istess att, Giovanni Estates Ltd ċediet favur ix-xerrejja d-drittijiet tagħha naxxenti minn konvenju datat 25.08.2014. Iċ-ċessjoni saret versu l-prezz ta' €2,460.

26. Fir-rigward tad-dar 63, Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex bir-raba bil-kejl ta' cirka nofs tomna annessa magħha (li huwa l-indirizz residenzjali li fuqu r-rikorrent kien irreġistrat mad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sas-27.03.2007, u li issa huwa l-indirizz uffiċjali tas-soċjeta` Giovanni Estates Ltd) jirriżulta li:

- dan il-post akkwistah Carmelo Saliba, missier Giovanni Saliba fit-30.09.1978 għall-prezz ta' Lm1,800.

27. Fir-rigward tad-dar "St John's" Triq Għajn Mħelħel, Żebbug, Għawdex, bil-mandra retrostanti tagħha (li huwa l-indirizz residenzjali tar-rikorrent, fejn fil-fatt jiġi notifikat bl-atti):

---

[11] Insinwa Nru 385.
[12] Insinwa Nru 1251.
[13] Insinwa Nru 1910.

- mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-25.03.1998 li saret wara l-mewt ta' Carmela Saliba (in-nanna tar-rikorrent) jirriżulta li l-istess Carmela Saliba kellha nofs (½) indiviż mill-imsemmija dar bil-mandra annessa (bin-numru 8), u li skont testment *unica charta* datat 30.08.1975 innominat bħala werrieta universali tagħha lit-tmin uliedha (inkluż missier ir-rikorrent) u innominat lil żewġha Giovanni Saliba (in-nannu tar-rikorrent) użufruttwarju.

- mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22.02.2008 li saret wara l-mewt ta' Giovanni Saliba (in-nannu patern ta' Giovanni Saliba) jirriżulta li l-istess Giovanni Saliba ħalla lil ibnu Carmelo Saliba u martu Christine (il-ġenituri tar-rikorrent) in-nofs (½) indiviż tiegħu mill-imsemmija dar bil-mandra annessa (bin-numru 8), u ġie dikjarat li l-valur tagħha hu ta' €35,000.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

*L-appellant ma jistax jitqies li huwa qiegħed*

28. Fl-ewwel lok għandu jingħad li din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Arbitru in kwantu irriteniet li ma jistax jitqies li Saliba kien bla impieg. Dan mhux biss abbażi tal-fatt li għandu adirittura aġenzija tal-proprjeta` iżda wkoll għaliex huwa stess fil-kuntratt pubbliċi li deher fihom indika lilu nnifsu bħala "*self-employed*". Anke jekk is-soċjeta` ġiet iffurmata fl-2010, jirriżulta li Saliba kien ilu snin qabel jagħmel xogħol ta' sensar. Biex wieħed joħloq kumpannija li għandha x'taqsam ma' negozju ta' proprjeta`, jikkrea sit elettroniku għaliha u jirreklama diversi proprjetajiet fuqha hu sinjal li jkun ilu f'dak il-qasam ta' negozju. Fil-fatt fuq is-sit stess kellu indikat li "*Giovanni Estates*" ilha f'tali negozju mill-2006 (anke jekk qabel l-2010 effettivament kien hu personali u mhux is-soċjeta` tiegħu li kien ilha f' tali qasam ta' negozju).

29. Fir-rikors tal-appell saret ħafna enfażi dwar il-perjodu Settembru 2006 sa Ottubru, 2009. Pero' f'dawn il-proċeduri mhuwiex jiġi trattat deċiżjoni tal-appellat għar-rifużjoni ta' flus li setgħu tħallsu lill-appellant f'benefiċċji tal-qgħad. L-istess jingħad fir-rigward tal-perjodu l-ieħor bejn Ġunju 2011 u Lulju, 2014 li ssemma ukoll fir-rikors tal-appell. Għall-qorti mill-atti hu evidenti li l-avviż tat-22 ta' Settembru, 2014 kien jikkonċerna d-deċiżjoni tal-appellat sabiex

iwaqqaf l-għoti tal-għajnuna għall-qgħad, u mhux deċiżjoni għar-rifużjoni ta' benefiċċji li tħallsu lill-appellant.

*Il-mertu tal-każ: jekk il-kapital jeċċedix l-iskala stabbilita.*

30. Il-mertu tal-każ jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali kellux raġun jiddeċiedi li Saliba mhux intitolat għall-Għajnuna tal-Qgħad għar-raġuni li *"Id-Direttur mhux sodisfatt li l-kapital ma jeċċedix l-iskala stabbilita"* (avviż tat-22 ta' Settembru, 2014).

31. Jiġi spjegat li l-Artikolu 30 tal-Kap 318 (Att dwar is-Siġurta` Soċjali) jirregola l-Benefiċċju għall-Qgħad. Skont il-paragrafu 1 tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap 318:

> *"Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 30, għandhom jitqiesu kull proprjeta`, dħul jew privileġġ skont kif ikun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda;… u meta jinqabeż il-limitu indikat fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna Soċjali għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik l-għajnuna."*

32. Issa skont il-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, meta l-flus fil-bank u fl-idejn u l-valur kapitali ta' kull proprjeta immobbli urbana (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod), ikunu flimkien:

(i) jaqbżu l-ammont ta' €14,000 - fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'għadd ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; jew

(ii) jaqbżu l-ammont €23,300 - fil-kaz ta' familja li mill-anqas tkun tikkonsisti fil-kap tal-familja u l-konjuġi,

il-persuna li titlob l-għajnuna għall-qgħad titqies li m'hijiex intitolata għal dik l-għajnuna.

*L-iskala applikabbli fiċ-ċirkostanżi*

33. Nonostante l-fatt li bejn Saliba u martu tapplika s-separazzjoni tal-beni, dan ma

jfissirx li m'għandhomx jitqiesu bħala konjuġi[14] għall-fini tal-paragrafu 1(a) tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap 318, fuq imsemmi. Għaldaqstant l-iskala applikabbli jidher li hija ta' €23,300 u mhux €14,000 (għalkemm fir-rikors tal-appell tiegħu jidher li qed jifhem li l-iskala applikabbli hija dik ta' €14,000).

*Kapital Immobbli:*

34. Hu evidenti li Saliba qatt m'għarraf lid-Dipartiment b'dak li kien qiegħed jagħmel matul is-snin. Ibda biex fl-applikazzjoni li d-Dipartiment irċieva fit-8 ta' Lulju, 2011 lanqas ma ddikjara l-ishma li għandu fil-kumpannija.

35. Id-dar fi Triq Għajn Mħelħel, Żebbuġ (li fiha jabita Saliba preżentament) hija nofsha tal-genituri tiegħu u n-nofs l-ieħor jappartjeni lil missieru u lil ħut missieru. Id-dar 63, Triq il-Knisja, Żebbug (fejn hija reġistrata l-kumpannija Giovanni Estates Ltd) hija proprjeta` ta' missier l-appellant. L-appartament (*penthouse*), minn gewwa bin-numru tmienja (8), fi Triq Dun Ġużepp Vella, Nadur (li minnha għandu sehem ta' nofs indiviż) ġie ddikjarat fl-applikazzjoni li hi ntiża bħala *future residence*. Fatt li l-qorti ma tqiesx li hu kredibbli meta tikkunsidra li:

(a) Ma jirriżultax li l-appellant mar igħix fil-fond. Fil-fatt fir-rikors tal-appell stess l-appellant ta l-indirizz, St. John, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ, Għawdex u li hu l-istess indiriżż li ddikjara fl-applikazzjoni għall-għajnuna soċjali.

(b) L-appartament inxtara minn Saliba u Alfred Pisani f'sehem ugwali. L-appellant ma ta l-ebda prova li għandu arranġament ma' Pisani li l-fond jintuża bħala r-residenza ordinarja tal-appellant. Fil-fatt lanqas ma jirriżulta li għalkemm għaddew iktar minn sitt snin mill-akkwist, il-fond beda jintuża bħala r-residenza tal-appellant. Hu iktar kredibbli li l-fond inxtara għal

[14] Fi kwalunkwe każ, il-paragrafu 5 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda jipprovdi li għall-finijiet ta' din it-taqsima, "konjuġi" tinkludi anke dik il-persuna, li fl-opinjoni tad-Direttur, tkun qed tgħix mal-kap tal-familja daqs li kieku dik il-persuna kienet il-konjuġi fiż-żwieġ tal-kap tal-familja matul il-perjodu li fih ikun qed jintalab l-għajnuna għall-qgħad. Issa fir-riferta rigwardanti r-risposta tal-appell, (fol 14A) ġie indikat li l-atti ġew mħollija f'idejn "martu" fl-indirizz mogħti (għalkemm ġie indikat li n-notifika saret Victoria, minkejja li l-indirizz indikat kien Żebbug.)

skopijiet ta' negozju, ukoll meta tqies li meta applika għall-għajnuna tal-qgħad l-appellant ma ddikjarax fatti li kienu rilevanti. Dan apparti li fin-nota ta' insinwa li hemm fl-atti, jingħad li l-penthouse qegħda *"fi stat ta' ġebel u saqaf"* filwaqt li fl-applikazzjoni l-appellant iddikjara *"still under construction"*. Hawn ukoll l-appellant ma ddikjarax is-sewwa. Ma' dan il-fond hemm ukoll garaxx. Il-prezz dikjarat fil-kuntratt hu ta' €69,880, li nofsu għandu valur ta' **€34,940** li jeċċedi s-somma stabbilita fil-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318.

36. Il-qorti żżid ukoll li b'dak li l-appellant naqas milli jiddikjara lill-appellat meta applika għall-għajnuna għall-qgħad u wara, l-appellat kien altru milli ġustifikat li jikkonkludi li ma kienx sodisfatt li l-kapital ma jeċċedix l-iskala stabbilita. Min japplika għall-benefiċċji għandu d-dmir li jiddikjara kollox u mhux biss dak li jkun jaqbillu. L-għajnuna soċjali qegħda hemm biex tgħin lil min hu verament fil-bżonn.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.